# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ħamis 17 ta' Ottubru 2024**

**Numru 2**

**Rikors Numru 1098/17TA**

**David Farrugia, detentur tal-karta tal-identita' numru 74874M**
**vs**
**Carmine di Ciccio, detentur tal-karta tal-identita' numru 30718A u b'digriet tat-12 ta' Frar 2020 isem il-konvenut ġie korrett għal Carmine di Cicco**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat ta' David Farrugia (l-Attur) tal-4 ta' Diċembru 2017 li permezz tiegħu premetta u talab is-segwenti:

> ILLI ezattament fl-4 ta' Jannar tas-sena 2014, Carmine di Ciccio, b'eghmil ghal kollox irresponsabbli, abbuziv u minghajr ebda diligenza jew prudenza f'azzjonitu stess, hebb ghal David Farrugia, b'tali mod illi wegghu serjament b'mod li qabadlu drieghu tan-naha tax-xellug u lewielu jdejh lura, b'manuvra drastika hafna li permezz taghha mhux biss ikkagunalu ticrita fonda hafna fil-muskoli tal-ispalla x-xellugija li thaddem l-operat tal-

id stess, izda llum l-istess David Farrugia qed isofri minn disabilita' permanenti sforz dan kollu;

ILLI tali htija ghal dan l-incident hija unikament u esklussivament imputabbli ghall-agir abbuziv tal-istess Carmine di Ciccio, li sikurament tissupera l-limiti tal-provokazzjoni li setghat se mai giet maghmula lilu, ghaliex kif ser jigi muri fil-mori ta' dawn il-proceduri wkoll, kieku ma kienx ghall-intervent tal-ulied ta' David Farrugia, Carmine di Ciccio kien behsiebu jaghmel hsara aghar minn hekk;

ILLI l-esponenti David Farrugia ghadda minn martirju shih fil-mod u fil-manjiera kif il-kaz tieghu gie investigat, mressaq u analizzat quddiem il-Qrati Kriminali kif ser jigi muri wkoll fil-mori ta' dawn il-proceduri, u ghalkemm illum jezistu provi godda fid-dawl ta' fatt u tad-dritt illi sikurament jikkonfortaw dak li verament sehh f'dan l-incident u a favur David Farrugia, anki kieku dawn il-proceduri kriminali stess saru bir-reqqa u kif suppost, huwa stess, zgur li ma kienx jigi misjub hati biex gab fis-sehh incident fiziku bhal dan, specjalment meta tqis illi l-fatti kkunsidrati mill-Qrati Kriminali u li fuqhom hargu l-konkluzjonijiet gudizzjarji, qatt u fl-ebda hin ma sehhu u li xi whud minnhom anqas gew rivelati lil Qrati stess in kwantu provi ta' evidenza li tirrikjedi l-Ligi nostrana f'dan il-kamp;

ILLI fil-kamp civili, u in linea ma' din il-kawza gudizzjarja, David Farrugia kien intavola ittra ufficcjali referenzjata bin-numru tal-Qorti 3667/2015 illi giet notifikata lil Carmine di Ciccio, (li kopja taghha qed tigi pprezentata ma' dan ir-rikors u mmarkata bhala Dok. DF1) sabiex jersaq ghal hlas tad-danni abbazi tal-akkadut ta' dan l-incident pero ghalkemm sar dan l-ewwel tentattiv, Carmine di Ciccio baqa' inadempjenti sa llum.

ILLI ghalhekk, u ghar-raguniijet surreferiti u meta ormai David Farrugia lahaq ghamel l-interventi kirurgici tieghu sabiex mhux biss jittenta jirranga kif jista' u skond ir-rakkomandazzjonijiet tat-tobba stess, il-hsara attwali u pozittiva li diga' sofra izda sabiex ukoll jigi identifikat ezatt il-percentagg ta' disabilita' permanenti illi huwa irid jghix biha tul hajtu kollha, u peress illi Carmine di Ciccio, qatt ma resaq ghal tali likkwidazzjoni u ghotja ta' danni, l-esponenti stess ma kellux ghazla ohra ghajr illi jmexxi dawn il-proceduri;

GHALDAQSTANT, l-esponenti qieghed umilment u b'sollennita' jitlob lil din il-Wisq Onorabbli Qorti sabiex, stante dak premess:

a) Tiddikjara u Tikkonferma, illi fl-4 ta' Jannar tas-sena 2014, Carmine di Ciccio, detentur tal-karta tal-identita' numru 30718A, b'eghmil ghal kollox irresponsabbli, abbuziv u minghajr ebda diligenza jew prudenza f'azzjonitu stess, hebb ghal David Farrugia, detentur tal-karta tal-identita' numru 74874M b'tali mod illi wegghu serjament, ikkagunalu

danni fizici u anki morali, u ghalhekk huwa unikament u esklussivament responsabbli wkoll sabiex jersaq ghal hlas ta' danni civili ai termini tal-Artikolu 1033 u 1045 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) Tordna, salv u okkorendo anki permezz tal-esperti medici illi jistghu jigu appuntanti minn din il-Wisq Onorabbli Qorti stess bhala konferma fuq dak li ser jigi ezebit bhala ex parte, il-likwidazzjoni gusta u meritatevoli tad-danni subiti; u

c) Sussegentement, tordna lill-istess Carmine di Ciccio, detentur tal-karta tal-identita' numru 30718A, sabiex jersaq ghal hlas effettiv ta' dawn id-danni kumplessivi illi ghandhom jinghataw lil David Farrugia, detentur tal-karta tal-identita' numru 74874M, fi zmien qasir u perentorju, illi din il-Wisq Onorabbli Qorti joghgobha tipprefiggi;

d) Taghti kull rimedju u/jew direttiva ulterjuri fil-kuntest ta' din l-azzjoni, skond, fejn u kif inhu xieraq li jsir;

Bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri, tal-ittra ufficcjali li giet stradata diga' fil-konfront ta' Carmine di Ciccio, u bl-imghaxijiet civili illi ghandhom jiddekorru mill-mument illi l-imsemmi gie intimat formalment tramite l-imsemmija ittra ufficcjali, li minn issa wkoll qed jigi ingunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta ġuramentata ta' Carmine Di Cicco (il-konvenut) tas-7 ta' Mejju 2018 li permezz tagħha wieġeb u eċċepixxa s-segwenti:

1. Illi l-azzjoni ntavolata mir-rikorrenti hija preskrita ai termini ta` artikolu 2153 tal-Kodici Civili ta` Kap 16 tal-Ligijiet ta` Malta;

2. Illi l-ittra ufficcjali ntavolaya mir-rikorrenti ossija dik kif anetta u mmarkata bhala "DF1" fir-rikors mahluf tal-attur, hija nulla stante li ma gietx notifikata lill-esponenti f` lingwa li huwa jirrikonoxxi.

3. Illi t-talbiet rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u bhala tali ghandhom jigu michuda bl-ispejjez;

Salv eccezjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti u dokumenti kollha fil-Kawża.

Qrat u semgħet ix-xhieda tal-persuni mressqa fil-perkors ta' din il-Kawża.

Rat li l-Kawża tħalliet għal-lum għas-Sentenza.

## Punti ta’ fatti

Fl-4 ta’ Jannar 2024, il-konvenut flimkien mal-partner tiegħu, l-ex mara tal-Attur, persuni oħrajn u ż-żewġt itfal Matthew u Jake, irritornaw lura minn Sqallija wara li marru għal ġranet festivi. Jidher li seta’ kien hemm xi malintiż minn fejn kellu jibor lit-tfal l-Attur.

Dan niżel fejn jitrakka l-katamaran minn Sqallija. Daħal bil-vettura tiegħu f’dik il-parti minn fejn jinżlu l-vettura minn fuq il-katamaran. Kif ra l-vettura tal-konvenut avviċinaha. Niżel mill-vettura tiegħu u resaq lejn it-tieqa tal-passiġġier tal-vettura tal-Konvenut fejn kien hemm l-ex mara tiegħu Nathalie Farrugia, bit-tifel żgħir Jake fuqha.

Dan jgħid li beda jsabbat fuq it-tieqa tal-passiġier tal-vettura tal-konvenut biex ikellem lill-ex mara tiegħu għaliex beda jinsisti li jieħu wkoll lit-tifel minuri Jake. Din bdiet tinjoraħ sakemm ħareġ il-konvenut u resaq lejn l-attur. Kien hawn li kien hemm skontro vjolenti u aggressiv li bil-konsegwenza tiegħu l-Attur jgħid li sofra danni fiżiċi ta’ natura permanenti.

Għalhekk l-Attur qiegħed jagħmel din il-Kawża biex jirriklama dawn id-danni mingħand il-konvenut.

## Punti ta’ Liġi

L-artikoli tal-liġi rilevanti għall-każ huma 1031, 1032 u 1033 tal-Kodiċi Ċivili. Kull persuna trid twieġeb għall-ħsara li ġġib lil ħaddieħor b’għemilha.

Fir-rigward ta' dawn iż-żewġ artikoli ingħad li, meta l-att inissel danni extra-kontrattwali, b'konsegwenza ta' għemil delittwali u kolpuż, skont it-tagħlim ta' dawn il-Qrati "*Jekk il-kolpa tikkostitwixxi l-element karatterizzanti ta' illeċitu, huma rikonoxxuti u aċċettati wkoll aspetti ta' responsabilita` speċjali in rigward għall-evitabilita` tal-ħsara.*" (ara **Sentenza tal-Prim Awla Qorti Ċivili per Imħallef Philip Sciberras tat-3 ta' Ottubru 2003 fl-ismijiet Michael D'Amato pro et -vs- Filomena armla ta' Joseph Spiteri**).

B'din il-Kawża l-Attur qiegħed jipproponi l-azzjoni aquiliana u ċioe' l-azzjoni għar-rimedju ġenerali għar-risarċiment ta' danni kawżati b'għemil kolpuż. Għalhekk irid dejjem jiġi pprovat, u dan sta għall-Attur li jagħmel din il-prova, li jeżisti dak li jissejjaħ in-ness jew rabta tad-danni intrinsikament marbuta mal-għemil kolpuż tal-Konvenut (ara **Vol.XLI.I.800**). Dan qiegħed anke jingħad fid-dawl tal-fatt li "*Kif inhu sew magħruf id-dolo, flimkien mal-kolpa, hu indikat fl-Artikolu 1033 tal-Kodiċi Ċivili bħala element soġġettiv ta' l-illeċitu u għalhekk iservi hu wkoll bħala kriterju ta' imputabilita` tar-responsabilita' ċivili.*" (Ara **Sentenza Qorti tal-Appell Inferjuri tas-7 ta' Frar 2007 fl-ismijiet Joseph Cassar et -vs- Lawrence Castagna et**).

**Konsiderazzjonijiet**

Qabel kull ħaġa oħra, il-Qorti l-ewwel trid tiddeċiedi l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni ai termini tal-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili li jiddisponi hekk "*L-azzjoni għall-ħlas tal-ħsarat mhux ikkaġunati b'reattaqa' bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' sentejn".*

Il-Qorti tosserva li qabel saret il-kawża saret ittra uffiċjali datata 16 ta' Novembru 2015 li ġiet notifikata l-ewwel darba lill-konvenut fl-14 ta' Diċemebru 2015 (a' fol 7). Il-konvenut bħal donnu jargumenta li għaliex ma saritx fl-ilsien Taljan allura m'għandu jkollha ebda effett inkluż anka tal-interruzzjoni ta' żmien li kien għaddej. Jekk qatt il-konvenut għandu dritt li jkollu kopja b'ilsien li jifhem. Iżda din l-ittra meta ġiet notifikata lilu ma ġietx ritornata lura lir-Reġistratur u jitlob li fl-ilsien li jifhem.

Iżda tajjeb jew ħażin bis-Sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-6 ta' April 2017, il-konvenut kien addebitat bl-akkuża taħt artikolu 216 tal-Kodiċi Kriminali li jiddisponi hekk: "*L-offiża fuq il-persuna hija gravi, u għaliha tingħata l-piena ta' priġunerija minn sena sa seba' snin".* Issa artikolu 2154 (1) tal-Kodiċi Kriminali jiddisponi hekk "*Dwar il-preskrizzjoni tal-azzjoni ċivili għall-ħlas tal-ħsarat ikkaġunati b'reat, għandhom jitħarsu r-regoli li hemm fil-Kodiċi Kriminali, għall-preskrizzjoni tal-azzjoni kriminali*". F'dan ir-rigward artikolu 688(d) jipprovdi li f'dan il-każ il-preskrizzjoni tispiċċa "*B'egħluq ta' ħames snin għad-delitti suġġetti għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' anqas minn erba'snin u mhux anqas minn sena*". Dan ġie ribadit anke minn dawn il-Qrati tant li **fis-Sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-14 ta' Lulju, 2015, fl-ismijiet Ian Busuttil et -vs- Carmen Taliana** saret distinzjoni bejn it-tipi ta' danni u fost dawn hemm: "*Dawk li jiġu minn reati veri u proprji ossia minn fatti punibbli kriminalment f'liema każ il-preskrizzjoni ċivili hi dik tal-azzjoni kriminali, art. 2154 Kap. 16".*

Għalhekk din l-eċċezzjoni ser tkun respinta.

*Il-mertu*

Kif diġa' rilevat, din hija kawża għad-danni. Iżda qabel ma jiġu kkunsidrati dawn id-danni, il-Qorti trid tistabilixxi hemmx responsabbilita tal-konvenut għalihom kif qiegħed jgħid l-Attur.

Responsabbilita'

Bħal ma jiġri ħafna drabi f'sitwazzjonijiet bħal dawn, il-Qorti dejjem tkun rinfaċċjata invarjabilment minn żewġ verżjonijiet u narrattivi li jikontradixxu lil xulxin. Dan ma jfissirx li din il-Qorti ma hiex fil-possibilta' li tasal għall-konklużjoni, iżda jfisser biss li trid tgħarbel u tqies il-provi li għandha quddiemha sabiex tasal għal dik il-verżjoni li toqrob lejn is-sewwa.

Dan ifisser fuq skorta tal-insenjament ta' Sentenzi bħal dik tal-**Qorti tal-Appell tat-2 ta' Ġunju, 2003, fil-kawża fl-ismijiet Middle Sea Insurance p.l.c. nomine vs Victor Sammut** fejn ġie ritenut li "f'każ ta' konflittwalita` l-Qorti trid tadopera aktar attenzjoni biex proprju taċċerta ruħha jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet possibbli għandhiex teskludi lill-oħra, anke fuq il-bilanċ tal-probabilitajiet, tal-preponderanza u tal-verosimiljanza tal-provi". Riassunt tal-prinċipji involuti jinsabu fis-**Sentenza tal-Prim Awla per il-kompjant Imħallef Gino Camilleri tad-9 ta' Diċembru 2011 fl-ismijiet Dr. Elizabeth Vella -vs- Bieb Bieb Ltd**.

F'din is-sentenza intqal hekk:-

*“Għalhekk fil-konflitt ta’ versjonijiet li jesisti f’din il-kawża għandu jiġi eżaminat liema waħda mit-teżijiet konflinġenti hi l-aktar attendibbli. Għandu jiġi eżaminat jekk xi waħda mill-verżjonijiet hi sostnuta mill-provi prodotti. Jekk jeżistu tali provi konsegwentement ikun hemm sostenn qawwi u definittiv lil xi waħda mill-verżjonijiet li allura jista jingħad li hi korroborata. Għandu jiġi eżaminat ukoll jekk jeżistix xi fatt li jwassal għall-konklużjoni liema verżjoni tirrispekkja r-realta’ tal-fatti, u kwindi għandha tiġi aċċettata bħala dik veritiera u attendibbli.”*

Għalhekk fuq l-insenjament imsemmi l-Qorti għarblet u fliet il-provi u komodament tasal għall-konklużjoni, li l-aktar versjoni verosimili li għandha mis-sewwa hija dik tal-konvenut. Dan jirriżulta ċar mill-provi.

L-Attur kien jaf li kien sejjer għall-inkwiet. F’moħħu diġa’ kellu li ser jieħu lit-tifel Jake meta kien jaf li ser isib resistenza minn Nathalie Farrugia, ‘l omm. Mill-sms’s esebiti jirriżulta li x’aktarx ‘l omm ma riditx li Jake, iż-żgħir, tħallih imur ma’ missieru. Dan jirriżulta mill-insistenza tal-Attur li riedu miegħu (ara a’ fol 47 tergo). Li fil-fatt Jake kien ser jibqa’ ma’ ommu, jirriżulta wkoll mill-affidavit tal-konvenut meta jispjega li hu u l-ex mara tal-Attur kienu f’vettura oħra mat-tifel Jake u Matthew kien f’oħra biex l-Attur ma jiltaqax mal-ex mara tiegħu (affidavit tal-konvenut a’ fol 351A). Anke t-tifel Matthew permezz ta’ sms informah li *“il-mama’ qaltlek Jake mhux ġej”* (a’ fol 435). Għalhekk kellu jifhem li kien nieżel għall-inkwiet jekk jinsisti fuq it-tifel minuri.

Il-Qorti tifhem is-sitwazzjoni li sab ruħu fiha għalkemm ukoll irid jingħad li anke huwa kellu partner. Tant niżel biex jieħu dak li jrid b'idejh, li bil-vettura tiegħu baqa' dieħel fiż-żona ristrettaa, kif sewwa osservat il-Qorti tal-Maġistrati, u lanqas biss kellu ċans ibiddel tant li niżel bil-pygama, daqstant kien lest għall-konfront.

Di piu' il-verżjoni tal-konvenut li l-Attur saħansitra saq għal fuq il-vettura hija anke ikkoroborata minn dak li sabet il-Pulizija fuq il-post. Il-konvenut jiddiskrivi l-inċident hekk "*Malli ħareġ mill-vettura tiegħu is-Sur David Farrugia ġie jagħti bis-sieq lill-vettura tiegħi u imbagħad meta induna li l-ħġieġ tal-vettura tiegħi fuq in-naħa tal-passiġġier fejn kien hemm Nathalie qed ftit imbexxqa biex tiċċirkola l-arja, is-Sur David Farrugia daħħal subgħajh ġewwa l-vettura tagħna u ġibed bi rabja u b`kemm għandu saħħa it-tieqa u kisser l-istess tieqa"* (a' fol 351A). Dan jirrakkonta kif l-Attur kien qiegħed jipprova joħroġ lil Jake mit-tieqa u anke qabad lill-ex mara tiegħu minn għonqha (ibid). Dan jgħid li kien l-Attur li dar u taħ daqqa ta' ponn u tefgħu minn tulu mal-art tant li anke kissirlu n-nuċċali. (a' fol 351B). L-ex mara tal-Attur tikkonferma kelma b'kelma l-verżjoni tal-konvenut u jsostnu l-istess verżjoni anke quddiem il-Maġistrat. Il-konvenut jgħid li ġarrab ġrieħi f'wiċċu. PS. 1330 jikkonferma dan. Dan anke jikkonferma li xi ħsarat fuq il-Landrove, ċioe' daqqa fuq il-bumper ta' quddiem fuq ix-xellug. Fatt li jagħti kredibilita' lill-verżjoni tal-konvenut (a' fol 353).

Huwa paċifiku bejn il-partijiet li tassew tkissret il-ħġieġa ta' ħdejn il-passiġġier fejn kien hemm Nathalie Farruġia u t-tifel iż-żgħir Jake. Il-verżjoni tal-Attur hija fis-sens li din tkissret għaliex kien qiegħed iżomm magħha (a' fol 41). Il-Qorti aktar tara li huwa probabbli li din tkissret għaliex l-Attur beda jgebbed fiha milli għaliex xi ħadd straħ magħha. Il-ħġieġ tal-karozzi mhux faċli jinfaqgħu għaliex xi ħadd jistrieħ magħhom.

Imma l-aktar xhieda li tkompli tikkonsolida l-verżjoni tal-Attur hija dik ta' l-Ispettur Godwin Scerri li investiga meta xehed quddiem il-Qorti tal-Maġistrati. Dan josserva hekk:

1. "*Mill-investigazzjonijiet tiegħi kont ikkonkludejt illi dak li ġara, kellu jitressaq il-klijent tiegħek, u li ġrieħi li kien qed jgħidli li kellu, kien ġarrabhom dawn il-ġrieħi minħabba azzjonijiet li kien għamel hu stess".*

*2. "Nikkonferma li kien weġġa' minħabba ċ-ċertifikat, pero' r-raġuni għalfejn kien weġġa' ma ikkonvinċejtx ruħi li kien għamilhom huwa stess"* u

3. "… jiena ġbart biżejjed informazzjoni biex nikkonferma illi dawk l-injuries għamilhom huwa stess, meta kien ġibed il-ħġieġa tal-Land Rover jekk mhux sejjer żball tal-imputat." (a' fol 87 u 88).

Għalhekk meta l-Qorti qieset kollox ma kollox ma tistax ma tasalx għall-konklużjoni li verżjoni tal-konvenut hija l-aktar verosimili fiċ-ċirkostanzi u għalhekk it-talbiet tal-Attur ser ikunu miċħuda.

**Deċide**

Għaldaqstant din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi din il-Kawża bil-mod segwenti:

**Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni** ta' preskrizzjoni tal-konvenut.

**Tiċħad it-talbiet kollha Attriċi**.

Spejjes għall-Attur.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**